MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 71/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Graziella Muscat)**
**Vs**
**Julius Barbara**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fid-19 ta’ Settembru, 2009 u fil-granet u x-xhur precedenti, f’hinijiet differenti, b’diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda :
a) opera, promwova, bejgh jew ippartecipa fi, jew b’xi mod li jkun, ghin jew hajjar l-operat promozzjoni jew bejgh ta’ loghob mhux awtorizzat;
b) ghamilha ta’ ricevitur ta’ gugati tal-lottu meta ma kienx awtorizzat ghal daqshekk mill-Ministru responsabbli ghall-Finanzi;

c) Bejgh jew offra ghall-bejgh biljetti tal-lottu pubbliku minn postijiet mhux licenzjati ghal dan il-ghan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Jannar, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 12, 13 u 14 tal-Kap. 70, fuq ammissjoni tal-appellat sabet lill-istess hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Kap. 9 ikkundannatu sitt (6) xhur habs sospizi ghal sentejn u tordna l-konfiska tal-ammonti sekwestrati mill-Pulizija.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-25 ta' Frar, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab hati tal-akkuzi migjuba kontrih u l-konfiska li giet ordnata mill-Ewwel Qorti, filwaqt illi tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena li nghatat kontra Julius Barbara, w wara li terga ssib lill-appellat hati tal-akkuzi migjuba kontrih, tipprosegwi billi tinfliggi piena gdida ai termini tal-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Illi bis-sentenza moghtija w bil-piena inflitta l-Qorti naqset milli tapplika l-piena preskritta mill-Ligi ghal dan it-tip ta' reati, liema piena hija tassattiva ai termini tal-istess u fin-nuqqas dan wassal ghall-piena li nghatat taht il-minimu. B'hekk l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta giet biex tinfliggi l-piena.

Illi partijiet relevanti ai fini tal-akkuzi migjuba huma riflessi hawn fuq bl-eccezzjoni tal-artikolu 12(3) u 14(3). Kwindi jekk inharsu lejn il-piena applikabbli f'dan il-kaz qed nitkellmu fuq piena ta' multa w prigunerija fir-rigward tal-artikolu 12, piena ta' multa jew prigunerija jew ghat-tnejn li

huma fir-rigward tal-artikolu 13 u piena ta’ multa biss fir-rigward tal-artikolu 14.

Ili ghal kull buon fini u minghajr pregudizzju jinghad illi l-Kapitolu 70 ma jeskludix l-applikazzjoni ta’ sentenza sospiza fl-eventualita’ ta’ sejbien ta’ htija taht dawn id-disposizzjonijiet. Fil-fatt dan l-appell qed isir minhabba l-piena imposta mill-ligi fir-rigward tal-akkuza migjuba kontra l-akkuzat ai termini tal-artikolu 12 tal-kapitolu 70 li fid-dicitura tal-ligi timponi l-piena ta’ prigunerija kif ukoll multa w mhux a bazi tal-fatt li l-Qorti ma setghatx taghti sentenza sospiza.

Illi huwa minnu li fir-rigward tas-sejbien ta’ htija koncernanti l-artikoli 13 u 14 tal-Kapitolu 70 l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tapplika l-piena ta’ sentenza sospiza peress illi l-pieni mposti hemmhekk huma ta’ multa jew ta’ prigunerija. Di piu ma jidhirx mid-dicitura tal-ligi wzata fir-rigward ta’ dawn l-artikolu li hemm obbligu li l-multa w l-prigunerija jinghataw kontestwalment, allavolja fir-rigward tal-artikolu 13 il-Qorti tista’ taghzel li timponihom it-tnejn. Madankollu dan huwa fattura diskrezzjonarju li kwindi jhalli l-Qorti fil-liberta’ taghha meta timponi l-piena w b’hekk tista’ anki tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 28A ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk jidhrilha illi jkun aktar opportun fic-cirkostanzi.

Illi madankollu meta naghmlu referenza ghad-dicitura fl-artikolu 12 naraw li l-piena mposta hija dik ta’ multa w ta’ prigunerija w kwindi ma jistax ikollok wahda minghajr l-ohra. Meta wiehed jinterpreta l-lingwa guridika li ntuzat fir-rigward ta’ dan l-artikolu, lanqas jista’ jinghad li dawn il-pieni jistghu jigu assorbiti f’xulxin peress illi li kieku kien il-kaz id-dicitura wzata kienet tkun simili ghal dik fl-artikolu 13 u l-kelma “jew” kienet tintuza w b’hekk kienet tinghata diskrezzjoni lil Qorti sabiex taghzel Hi x’piena kellha taghti fic-cirkostanzi tal-kaz li jkun.

Illi in vista tal-fatt li f’dan il-kaz l-Ewwel Qorti mponiet sentenza sospiza biss (apparti l-konfiska li m’ghandhiex tigi pregudikata f’ebda mod), fl-umli opinjoni tal-appellant ma tissodisfax sufficjentement il-vot tal-artikolu 12 tal-

Kapitolu 70 u dan minhabba li jrid ikun hemm kemm multa kif ukoll prigunerija.

Illi kwindi jekk is-sentenza sospiza tinghata in sostituzzjoni tal-piena karcerarja fir-rigward tal-artikolu 12, l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti, apparti mis-sentenza sospiza kellha timponi wkoll multa w dan qed jinghad in vista tan-natura tad-dicitura tassattiva koncernanti l-piena fir-rigward tal-artikolu 12. Hawnhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex ghazla w ma setghatx timponi biss sentenza sps[oza sabiex tkompri kemm il-multa kif ukoll il-prigunerija w dan peress li skond l-artikolu 12 it-tnejn li huma kellhom jinghataw.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi fid-19 ta' Settembru, 2009 l-appellat gie mwaqqaf mill-Pulizija fi Triq Santa Katarina, Mqabba, go vettura tal-ghamla Escort bin-numru KAP 221, saritlu tfittxija w nstab illi kellu fuqu ammont ta' elf, mitejn u hmistax il-Ewro u tletin centezmu, kif ukoll biljetti sofor u karti ohra li kienu jindikaw suspett ta' lottu klandestin. Sussegwentement saret tfittxija fir-residenza tal-appellat fejn instab flejjes ohra u karti simili u nstab ukoll djarju fuq il-persuna tal-appellat fejn kien hemm informazzjoni li kellu x'jaqsam ma loghob klandestin bejn is-sena 2008 u 2009.

Fid-9 ta' Frar, 2010 l-imputat tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi bi vjolazzjoni tar-regolamenti tal-lottu Kap. 70. Dak inhar stess ammetta l-akkuzi kollha kontra tieghu u l-Ewwel Qorti wara li sabitu hati applikat l-artikolu 28 tal-Kap. 9 u kkundannat lill-imputat ghal sitt (6) xhur habs sospizi ghal sentejn u ordnat il-konfiska tal-flejjes issekwestrati mill-Pulizija.

L-Avukat Generali appella minn din id-decizjoni peress li skond l-istess artikolu 12, 13 u 14 tal-Kapitolu 70 l-imposizzjoni ta' piena karcerarja w multa huma tassattivi. Il- multa pero' ma gietx applikata mill-Ewwel Qorti.

Dan il-fatt jidher li huwa ammess anki mid-difiza kif jidher mir-risposta pprezentata minnha ghar-rikors tal-appell tal-Avukat Generali.

Din il-Qorti ezaminat l-artikoli fuq imsemmija tal-Kap. 70 u ssib li l-Avukat Generali ghandu ragun li jinsisti ukoll ghall-multa, peress illi din hija tassattiva w ma tistax tigi injorata fl-ghoti ta’ sentenza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ w tiddeciedi illi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab hat ital-akkuza migjuba kontrih u l-konfiska, tirriforma dik il-parti tas-sentenza li tikkoncerna l-piena w filwaqt li tikkonferma s-sentenza sospiza tikkundanna lill-appellat Julius Barbara illi jhallas multa ta’ tlett mitt Ewro (€300).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------